

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.
8. It-tmien motiv ibbażat fuq użu ħażin ta' poter.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2017 – Barata vs Il-Parlament

(Kawża T-467/17)

(2017/C 347/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Carlos Manuel Henriques Barata (Lisbona, il-Portugall) (rappreżentanti: G. Pandey, D. Rovetta u V. Villante, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

- tannulla l-atti u d-deċiżjonijiet segwenti, fejn xieraq peress li preċedentement kien ġie ddikjarat illegali u mhux applikabbli għar-rikorrenz ta' Kompetizzjoni EP/CAST/S/16/2016 ⁽¹⁾ taħt l-Artikolu 277 TFUE;
- id-deċiżjoni tas-26 ta' Ottubru 2016 tad-Direttur għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani li C. M. H. Barata ma jiġix inkluż fil-lista provviżorja tal-kandidati għal post ta' membru tal-persunal bil-kuntratt fil-Grupp ta' Funzjoni I bħala xufier taħt l-hekk imsejjaħha proċedura kuntrattwali CAST 2016/2017;
- id-deċiżjoni mibgħuta permezz ta' email tat-28 ta' Novembru 2016 minn INLO DG tal-Parlament sabieħ tikkonferma mill-ġdid id-deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq li C. M. H. Barata ma jiġix inkluż fil-lista provviżorja tal-kandidati għal post ta' membru tal-persunal bil-kuntratt fil-Grupp ta' Funzjoni I bħala xufier taħt l-hekk imsejjaħha parametri referenzjali tal-oċedura kuntrattwali CAST 2016/2017;
- id-deċiżjoni tal-25 ta' April 2017 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, iffirmata minn Klaus Welle, innotifikata lil C. M. H. Barata permezz ta' ittra rreġistrata, li ċaħdet l-ilment tar-rikorrenz taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, mressaq fid-9 ta' Jannar 2017;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrenz jinvoka erba' motivi bbażati fuq ksur tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 296 TFUE li jirriżulta minn żball manifest fl-evalwazzjoni tal-kompetenzi teoretiċi tar-rikorrenz u żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti, fid-dawl tan-nuqqas ta' awtentiċità tal-kwestjonarju li allegatament jikkorrispondi għad-dokument mibgħut mir-rikorrenz matul il-kompetizzjoni. L-iżball manifest seħħ bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' superviżjoni mill-Parlament tad-diliġenza dovuta ta' subkuntrattur fdat bl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet fil-proċeduri tal-għażla tal-CAST 2016. Dan kellu impatt negattiv fuq l-obbligati li jiġu pprovduti raġunijiet suffiċjenti lir-rikorrenz.

Ir-rikorrenz isostni wkoll ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiv billi ġew miċħuda d-dritt ta' difiża u d-dritt għal smiegħ tiegħu, u għaldaqstant ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll illegalità u inapplikabbiltà tal-Avviż ta' Kompetizzjoni EP/CAST/S/16/2016.

Ir-rikorrenz isostni wkoll li l-Parlament aġixxa *ultra vires* meta ddelega l-proċedura tal-għażla lill-Ecole de Maîtrise Automobile (iktar 'il quddiem is-"subkuntrattur"), li ma kinitx marbuta bir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni. Skont ir-rikorrenz, dan iwassal għal ksur tal-avviż ta' kompetizzjoni u tal-Artikolu 30 tar-Regolamenti tal-Persunal flimkien mal-Anness III għar-Regolamenti tal-Persunal li jikkonferma l-ksur imsemmi iktar 'il fuq ta' amministrazzjoni tajba.

Ir-rikorrent isostni wkoll ksur tal-Artikolu 1 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u tal-prinċipju ta' proporzjonalità fid-dawl tal-aġir tal-Parlament u/jew tas-subkuntrattur u fid-dawl tal-limitazzjoni tal-għażla għat-tieni lingwa għal kandidati li pparteċipaw f'din is-sejħa għal espressjoni ta' interess.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrent isostni li kien hemm ksur tal-prinċipju ta' opportunità ugwali kif ukoll ksur tal-Artikolu 296 (2) TFUE u tal-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal – fir-rigward tan-nuqqas tal-Parlament u tas-subkuntrattur li jagħtu raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħhom, flimkien man-nuqqas ta' superviżjoni fuq dan tal-aħħar. Ir-rikorrent isostni li dan iwassal għal ksur tal-Avviż ta' Kompetizzjoni EP/CAST/S/16/2016, ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u ksur tal-aspettattivi leġittimi tar-rikorrent u tal-prinċipju ta' ugwaljanza.

(¹) Sejħa għal Espressjoni ta' Interess — Aġenti Kuntrattwali — Grupp Ta' Funnjoni I — Xufiera (Irġiel/Nisa) — EP/CAST/S/16/2016 (ĠU 2016, C131 A/01)

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2017 – Haswani vs Il-Kunsill

(Kawża T-477/17)

(2017/C 347/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: George Haswani (Yabroud, is-Sirja) (rappreżentant: G. Karouni, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850, tas-27 ta' Mejju 2016, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja;
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/840, tas-27 ta' Mejju 2016, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/917, tad-29 ta' Mejju 2017, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja;
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/907, tad-29 ta' Mejju 2017, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;
- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1245, tal-10 ta' Lulju 2017, li timplementa d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja;
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1241 tal-10 ta' Lulju 2017, li jimplementa r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja;
- konsegwentement,
 - tordna t-tneħħija ta' isem George Haswani mill-Annessi tal-atti msemmija hawn fuq;
 - tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas tas-somma ta' EUR 100 000 għad-dannu morali tar-rikorrent;
 - tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti mir-rikorrent, li jirriżerva li jiġġustifikahom matul il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jirriżulta mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE. Ir-rikorrent jikkritika lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li kkontenta ruħu b'kunsiderazzjonijiet vagi u ġenerali mingħajr ma semma, b'mod speċifiku u konkret, ir-raġunijiet li għalihom, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali ta' evalwazzjoni tiegħu, huwa jqis li r-rikorrent għandu jiġi suġġett għall-miżuri restrittivi inkwistjoni. Għaldaqstant, ma ġie invokat ebda element konkret u oġġettiv li bih huwa kkritikat ir-rikorrent u li jista' jiġġustifika l-miżuri inkwistjoni.